# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023**

**Numru 7**

**Rikors Numru 355/11TA**

**Dottor Michelle Tabone (K.I. nru 138371M) fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof bhala Amministratur tal-Beni Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza kif ukoll l-istess Dottor Michelle Tabone (K.I. nru. 138371M) bhala prokuratrici ghan-nom tal-Ordni Karmelitan f'Malta**

**vs**

**Joseph Sultana (K.I. nru. 720057M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dottor Michelle Tabone fil-kwalita' minnha premessa (l-Attriċi nomine) li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

> "1. Illi l-attriċi nomine kellha l-pussess tal-fond 6, Blanche Huber Street, Sliema flimkien ma' l-oġġetti mobbli ġewwa fih.
>
> 2. Illi għal l-aħħar tax-xahar ta' Frar 2011, il-konvenut vjolentement, abbużivament u klandestinament, sgassa u daħal ġewwa l-istess fond, 6,

Blanche Huber Street, irtira l-għamara u l-oġġetti minn ġewwa l-istess fond, bidel is-serratura ta' l-istess fond u imbarra l-aċċess ta' l-istess fond għall-istess attriċi nomine.

Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll skont il-liġi għad-dannu ta' l-istess attriċi nomine.

Illi nonostante illi l-konvenut ġie interpellat, anke peremezz ta' ittra interpellatorja datata 2 ta' Marzu 2011, sabiex jirrientegra u jipprestina kollox kif kien, qabel l-imsemmi spoll, kif ukoll sabiex jirritorna ċ-ċwievet u l-pussess ta' l-istess fond lil attriċi nomine, dan baqa inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-attriċi nomine taf personalment bil-fatt msemmija.

Għaldaqstant jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi nomine li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi il-konvenut ikkometta spoll għad-dannu ta' l-attriċi nomine meta daħal fil-fond 6, Blanche Huber Street, Sliema, li kien fil-pussess ta' l-attriċi nomine, u rtira l-oġġetti mobbli li kienu ġewwa l-istess fond u biddel is-serratura tal-bieb ta' l-istess fond.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din il-Qorti, jirrientegra lill-attriċi nomine, fil-pussess li hija kellha ta' l-istess fond 6, Blanche Huber Street, Sliema, kif ukoll ipoġġi kollox fl-istat prestin illi kien qabel fih l-imsemmi fond bl-għamara ġewwa fih.

3. Tordna u Tiddikjara illi, fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dak kollu ordnat fiż-żmien prefiss lilu, l-attriċi nomine tkun awtorizzata tagħmel u twettaq ix-xogħlijiet neċessarji, sabiex hija tiġi reintegrata fil-pussess li hija kellha tal-fond 6, Blanche Huber Street, Sliema u l-għamara ġewwa l-istess fond.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-interpellatorja tat-8 ta' Marzu 2011, u bir-riżerva tal-attriċi nomine għal kwalsiasi azzjoni spettanti lilha kontra l-konvenut skont il-liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Joseph Sultana (il-konvenut) tas-7 ta' Diċembru 2011 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"1. Preliminarjament, l-attrici nomine trid tipprova l-kariga u l-mandat taghha, kif ukoll l-interess guridiku taghha f'din l-azzjoni.

2. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda billi ma jirrikorrux ir-rekwiziti mehtiega bil-ligi sabiex tirnexxi din l-azzjoni.

3. F'kull kaz, l-eccepjenti ma ghandu x'jaqsam xejn mal-proprjeta' mertu ta' din il-kawza, lanqas ghamel xejn minn dak allegat, la fir-rigward tal-fond, u lanqas dwar l-ghamara u l-oggetti ta' go fih.

4. Konsegwentement l-eccepjenti ma kkommetta ebda spoll ghad-dannu tal-attrici nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-kwistjoni tittratta fond bin-numru 6, Blanche Huber Street, Sliema. Fih kienet tgħix ċertu Emmanuela Mallia. L-Attriċi nomine isostni li hija kellha l-pusses ta' dan il-fond u li kien ipprevjena għandha permezz ta' testment li tul dawn il-proċeduri qatt ma ġie esebit.

**2.** Xi jum lejn l-aħħar ġimgħatejn ta' Frar 2011, il-konvenut mar jara dan il-post flimkien mal-kuġini tiegħu, li milli tista' tifhem din il-Qorti, dawn jinsistu li kienu wirtu lill-imsemmija Emmanuela Mallia li kienet tiġi iz-zija tagħhom. Dak in-nhar il-konvenut kien magħhom meta fl-istess ġurnata anke biddlu s-serratura tal-bieb. Il-konvenut jinsisti li huwa ma għamel xejn għaliex kienu l-kuġini li neħħew is-serratura.

**3.** Il-Attriċi nomine kif saret taf b'dan kollu għamlet rapport lill-Pulizija u bdiet dawn il-proċeduri biex il-konvenut jpoġġi kollox għall-istat li kien qabel ma inbidlet is-serratura.

**Punti ta' liġi**

**4.** Kif jirrisulta b'mod l-aktar ċar, din hija kawża ta' spoll privileġġjat.

**5.** Kif hu magħruf, tlieta huma r-rekwisiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma:

1. il-pussess;
2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u
3. li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll.

**6.** Fis-**Sentenza fl-ismijiet Delia -vs- Schembri, Prim Awla tal-4 ta' Frar 1958** ġie ritenut illi:

"*L-azzjoni ta' spoll isservi biex jipprotegi il-pussess, ikun x'ikun … li jigi vjolentement jew okkulatment mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata … jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti*".

**7.** Pero' fost l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut, hemm l-ewwel waħda li trid tkun deċiża qabel ma din il-Qorti timbarka fuq is-sejba o

meno tat-tlett elementi fuq imsemmija. Din l-eċċezzjoni hija merament waħda proċedurali fis-sens li *"l-attrici trid tipprova l-kariga u l-mandat taghha, kif ukoll l-interess guridiku taghhha f'din l-azzjoni"* (l-ewwel eċċezzjoni a' fol 15).

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Il-Qorti tibda biex turi d-disappunt tagħha dwar kemm damet kawża bħal din meta l-azzjoni ta' spoll hija maħsuba li tkun waħda skarna, rapida u effikaċċi. Il-Partijiet għamlu mill-11 ta' Jannar 2012 sal-5 ta' Lulju 2018 jitolbu differiment minn seduta għall-oħra bl-iskuza li ser jipprovaw jaslu għal ftehim, meta kull ma għamlu hu li ħlew ħin prezzjuż għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk Kawza ta' spoll ġiet snaturata mill-karretteristiċi legali tagħha.

**9.** L-Attriċi qed taħixxi f'din il-Kawzża fil-kwalita' tagħha bħala Ekonomu ta' Monsijur Arcisqof bħala Amministratur tal-beni Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza kif ukoll bħala prokuratriċi għan-nom tal-Ordni Karmelitana.

**10.** Tul il-Kawża l-partijiet ikkonċentraw fuq fatti rigwardanti l-elementi tal-azzjoni ta' spoll, b'uhud minnhom repettitvi u mingħajr valur u naqsu li jindirizzaw u jġibu provi dwar din l-eċċezzjoni.

**11.** F'għajnejn il-Qorti kulħadd huwa l-istess u meta tingħata eċċezzjoni bħal din fil-każijiet fejn l-Awtorita' Ekklesjastika tkunu Attriċi, ġaladarba

tingħata, trid tara li tressaq il-provi bħal kull persuna oħra li tidher quddiem din il-Qorti kemm jekk fiżika u kif ukoll jekk ente morali.

**12.** Għalhekk din il-Qorti ma tistax tiskarta milli tinvesti din l-eċċezzjoni ġaladarba ngħatat u l-anqas ma ġiet ċeduta. Li kieku ma inghatatx, ma kienx ikun bżonn ebda ħtieġa ta' prova dwar il-kwalita' rappresentativa tal-Attriċi, għaliex in mankanza ta' eċċezzjoni bħal din, ikun ifisser li l-konvenut ma jkunx qiegħed ipoġġi din il-kwistjoni in dibattitu.

**13.** Artikolu 180(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –*

*(a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, jewmill-persuna li tidher bħala l-ġenitur tat-tfal taħt is-setgħa tiegħu ta' ġenitur, jew bħala tutur, kuratur amministratur tal-komunjoni, esekutur, kap ta'dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, jew bħala prokuratur ta' knisja, xirka, sptar, jew ta' istituti piji, jew bħala Ekonomu ta' proprjetà f'kawża, jew bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta, jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, jew bħala aġent jew rappreżentant ta'soċjetà oħra kkostitwita skont il-liġi, jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta'Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata".* (Emfażi ta' din il-Qorti).

**14.** Mela huwa paċifiku, li skrittura, f'ċirkostanzi bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, tista' tiġi presentata minn Ekonomu jew prokuratur. F'dan il-każ Dr. Michelle Tabone qed tidher kemm bħala Ekonomu u anke bħala prokuratriċi għan-nom tal-Ordni Karmelitana. Pero' b'rabta ma' dan l-artikolu irid ukoll jittieħed kont ta' dak li jiddisponi l-artikolu 786 (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddipsoni hekk:

"*L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' <u>ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-Ekonomu jew uffiċjal ieħor li jkun qiegħed jaqdi funzjoni ekwivalenti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta</u> u fil-KurjaVeskovili ta' Għawdex, <u>jew kontra waħda mill-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 180"</u>.*

**15.** Dan ifisser, li ladarba stabbilita l-kwalita' rappresentattiva kif premessa, eċċezzjoni bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, ma tistax tingħata. Fir-rigward ta' din il-parti tal-liġi, dawn il-Qrati qalu li "*din id-disposizzjoni ma hix intiza bhala xi forma ta' carte blanche biex min ifettillu jghid li ghandu r-rappresentanza guridika ta' ez. Club jista' legalment jahlef id-dikjarazzjoni a nom ta' dak il-Club, jew jippresenta skrittura f'isem dak il-Club fit-termini ta' l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap.*

*L-iskop ta' l-Artikolu 786A – <u>kif ukoll ta' l-Artikolu 786(1</u>) – hu li, galadarba tkun stabbilita r-rappresentaza guridika tal-korp jew il-kariga ta' kaptan tal-bastiment li jkun (ghall-finijiet tal-Art. 786A) jew <u>ikun gie stabbilit li persuna hija verament l-ekonomu tal-Kurja</u> jew li verament hemm in-ness*

*ta' missier u tifel taht l-eta`, jew li verament persuna hija l-prokuratur ta' knisja, xirka, sptar ecc. (ghall-finijiet tal-Art. 786(1)) – stabbilit dan ma tistax tinghata (u jekk tinghata, ghandha tigi respinta) l-eccezzjoni ta' l-illegittimita` tal-persuna, in kwantu dik il-persuna tkun qed tirrapresenta lil haddiehor, u dan irrispettivament min-natura tal-kawza li tkun jew il-meritu involut"* (Emfażi tal-Qorti) (Ara **Sentenza tat-3 ta' Marzu, 2006 Appell fl-ismijiet Dennis Burke nomine et -vs- Anthony Grech Sant u martu Mary sive Moira Grech Sant**).

**16.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti. Tibda biex tgħid li ma tistax tieħu konjizzjoni ta' kawżi oħrajn, fejn tissemma' Dr. Michelle Tabone fil-kwalita' premessa. Fl-ewwel lok għaliex mhux kull kawża hi bħal oħra u fit-tieni lok għaliex dak li ma jirrisultax fl-atti ta' din il-Kawża, għal din il-Qorti ma hux fid-dinja.

**17.** L-atti jikkonfinaw l-apprezzament tal-Qorti. Issa ma jirrisulta minn imkien, li l-Attriċi tassew għandha l-kapaċita' rappresentattiva minnha premessa, kemm bħala Ekonomu u wisq anqas bħala prokuratriċi tal-Ordni tal-Karmelitani. Ma kien hemm xejn li jżomm lill-Attriċi milli tressaq id-dokumenti opportuni f'dan ir-rigward, iżda dan baqgħet ma għamlitux minkejja li minn fuq din il-Kawża għaddew ben 12-il sena!

**18.** Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma għandha ebda triq ħlief li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża, billi fil-waqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, qed tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Attriċi nomine.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**